

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

OPINJONIJIET

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

IL-525 SESSJONI PLENARJA TAL-KESE FIS-26 U S-27 TA' APRIL 2017

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "In-nisa u t-trasport – Pjattaforma għall-Bidla"

(opinjoni esploratorja mitluba mill-Kummissjoni)

(2017/C 246/01)

Relatur: **Madi SHARMA**

| | |
|--|---|
| Konsultazzjoni | Kummissjoni Ewropea, 13.10.2016 |
| Bażi legali | Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Sezzjoni kompetenti | It-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Infommazzjoni |
| Adottata fis-sezzjoni | 11.4.2017 |
| Adottata fil-plenarja | 26.4.2017 |
| Sessjoni plenarja Nru | 525 |
| Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet) | 148/0/2 |

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) għandu esperjenza konsiderevoli fil-ħidma dwar politika fis-settur tat-trasport u aktar reċenti kkunsidra d-dimensjoni tal-ġeneri f'dan is-settur tradizzjonalment iddominat mill-irġiel (ara l-Opinjoni TEN/573 In-nisa u t-trasport) ⁽¹⁾. Bħala l-istituzzjoni tal-UE li tirrappreżenta lis-soċjetà ċivili, għandu għarfien espert fid-djalogu u fil-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati dwar azzjonijiet legiŝlattivi.

1.2. Il-KESE jirrikonoxxi l-Pjattaformi tal-Partijiet Ikkonċernati bħala forums effettivi tal-bidla jekk huma:

- jippermettu l-iskambju tal-aħjar prattika bejn istituzzjonijiet, negozji u assoċjazzjonijiet differenti li jiffaċċjaw sfidi simili;
- jinkoraġġixxu lill-partijiet ikkonċernati jieħdu r-responsabbiltà u jindirizzaw l-isfidi;
- iqisu l-kawżi prinċipali tal-isfidi;

⁽¹⁾ ĠU C 383, 17.11.2015, p. 1

- isegwu objettivi SMART (speċifiċi, li jistgħu jitkejlu u jinkisbu, realistċi u marbuta mal-ħin);
- jiġġeneraw attivitajiet ibbażati fuq l-evidenza għad-disseminazzjoni;
- jiżviluppaw għodod u riżorsi biex jiġu adottati minn oħrajn;
- jirreplikaw il-Pjattaformi fuq livell Ewropew fuq livelli nazzjonali u anke reġjonali biex jindirizzaw sfidi simili madwar l-Istati Membri.
- jirċievu informazzjoni dwar inizjattivi minn setturi oħrajn li qed jaffaċċjaw kwistjonijiet simili.

1.3. Il-KESE jipproponi Pjattaforma għall-Bidla tal-UE (“Pjattaforma”), biex tiġi indirizzata **l-ugwaljanza bejn is-sessi fit-trasport**, fejn inizjalment tingħata prijorità biex tiżdied **l-impjegabbiltà tan-nisa fis-settur**. Dan l-objettiv inizjali jista’ aktar tard jiġi ssupplimentat bl-inklużjoni tan-“nisa bħala utenti”. It-trasport jinkludi trasport bl-ajru, bil-baħar, bit-triq, bil-ferrovija, bin-navigazzjoni interna u loġistika. Is-sħubija tista’ tinkludi, iżda mhux biss, korpi rappreżentattivi fil-livell tal-UE u nazzjonali ta’ dawk li jfasslu l-politika, l-industriji tat-trasport, it-trejdjunjins tagħhom, il-midja, l-organizzazzjonijiet tal-passiġġiera u l-NGOs li jixtiequ jimpenjaw ruħhom għal azzjonijiet konkreti li jindirizzaw l-inugwaljanza bejn is-sessi fit-trasport.

1.4. Il-KESE jipromwovi l-objettivi tal-implimentazzjoni ta’ politiki sensitivi għall-kwistjonijiet relatati mas-sessi permezz tal-istabbiliment ta’ objettivi ċari: termini ta’ referenza u kamp ta’ applikazzjoni definit, inklużi indikaturi, li huma żviluppati mill-membri waqt il-formazzjoni tal-Pjattaforma. Dan jipprovdi mudell ta’ ħidma fi Sħubija u azzjoni kkoordinata mill-partijiet ikkonċernati tas-settur biex jiġu trasportati inizjattivi ġodda fl-Ewropa kollha.

1.5. Il-KESE jirrakkomanda li l-Pjattaforma iżomm il-kapaċità li tkun flessibbli u adattabbli bejn id-dimensjonijiet kollha tas-settur u fil-livell ta’ politika. Din jenħtieġ tinsisti fuq it-trasparenza u r-responsabbiltà tal-membri u tal-funzjonament tagħha. Il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-reviżjoni annwali huma għodod essenzjali għall-kredibbiltà u s-suċċess tal-Pjattaforma.

1.6. Il-pjattaforma tista’ tkun ta’ suċċess biss jekk il-membri jieħdu sjieda sħiħa u għalhekk il-KESE jipproponi preżenza fuq l-Internet li telenka l-membri, l-attivitajiet tagħhom u tospita bażi tad-data dwar l-azzjonijiet, rakkomandazzjonijiet, monitoraġġ u evalwazzjonijiet, għal oħrajn biex jirreplikaw jew ikunu sors ta’ informazzjoni.

2. Sfond

2.1. L-impjeg tan-nisa fis-settur tat-trasport huwa partikolarment baxx. Fl-2013, 78 % tal-ħaddiema fis-settur tat-trasport fl-UE kienu rġiel. L-attrazzjoni ta’ aktar nisa hija essenzjali biex ikun hemm aktar bilanċ bejn is-sessi fis-settur, biex b’hekk isir aktar faċli għall-utent filwaqt li jikkumpensa għan-nuqqasijiet u l-isfidi marbuta mal-forza tax-xogħol (terz tal-ħaddiema kollha fit-trasport għandhom aktar minn 50 sena).

2.2. Fl-1 ta’ Lulju 2015, il-KESE adotta opinjoni esploratorja dwar “In-nisa u t-trasport” u ħa schem f’avveniment ta’ segwitu organizzat mill-Kummissarji Bulc u Jourova f’April 2016. Sussegwentement, id-DĠ MOVE wettaq diversi konsultazzjonijiet ma’ grupp ta’ esperti fejn ġew diskussi l-isfidi u r-rakkomandazzjonijiet attwali. Ir-rappreżentant tal-KESE ppropona idea biex tiġi implimentata “Pjattaforma għall-Bidla” li ġiet approvata mill-Kummissjoni Ewropea bħala mezz tajjeb biex jitrawmu azzjonijiet konkreti u viżibbli favur l-ugwaljanza bejn is-sessi fit-trasport. Fl-ittra tiegħu tat-13 ta’ Ottubru 2016, il-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea Frans Timmermans iddikjara li “din il-pjattaforma tista’ titnieda matul it-tieni nofs tal-2017 f’avveniment konġunt bejn il-KESE u l-Kummissjoni”.

3. Pjattaforma għall-Bidla

3.1. Il-Kummissjoni tal-UE għandha ħafna għodod u attivitajiet għall-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati. Il-Pjattaforma għall-Bidla tista’ tkun marbuta ma’ azzjonijiet volontarji, konkreti u miżurabbli li jmxxu l-għanijiet tal-istabbiliment tagħha. Pjattaforma referenzjarja bħal din hija l-Pjattaforma tad-DĠ SANTE “Dieta, Attività Fiżika u Saħħa.

3.2. Għalhekk, il-KESE jipproponi lid-DĠ MOVE Pjattaforma tal-Partijiet Ikkonċernati fil-livell tal-UE li kapaċi timplimenta impenji favur **żieda fl-opportunitajiet ta' xogħol għan-nisa u għall-ugwaljanza bejn is-sessi fis-settur tat-trasport**, biex tinkludi aħjar lin-nisa u tiġġenera aktar tkabbir ekonomiku, soċjali u sostenibbli, fejn:

- Il-Membri tagħha jaderixxu ma' kriterji definiti għall-ħatra u l-kondotta;
- L-azzjonijiet tagħha jkunu definiti skont l-għanijiet u l-kamp ta' applikazzjoni stabbiliti mill-membri tal-Pjattaforma fil-bidu;
- L-impenji jiġu mmonitorjati, evalwati u jsiru pubbliċi, biex b'hekk jinfirx l-iskambju tal-informazzjoni.

3.3. Fl-istabbiliment ta' din il-Pjattaforma l-KESE jissuġġerixxi lid-DĠ MOVE biex inizjalment jikkunsidra l-passi u l-elementi li ġejjin (li huma stabbiliti fid-dettall hawn taħt):

- I. Fażi I – Preparatorja – Jiġi identifikati l-partijiet ikkonċernati rilevanti biex jiġu involuti fil-Pjattaforma u jibdew dialogu biex jiġi identifikati l-interess, l-oġġettivi ewlenin, it-termini ta' referenza u l-kamp ta' applikazzjoni.
- II. Fażi II – Żvilupp – Jiġi ddefiniti l-abbozzi għall-approvazzjoni mal-partijiet ikkonċernati: Karta tal-Involvement, Termini ta' Referenza, Kamp ta' Applikazzjoni u Oġġettivi. Barra minn hekk, jiġi identifikati skedi taż-żmien, fondi potenzjali, segretarjat u għodod ta' appoġġ tal-IT.
- III. Fażi III – Implimentazzjoni – Jiġi organizzat avveniment inawgurati bil-parteċipazzjoni tal-Kummissarju li jieħu ħsieb il-Pjattaforma fejn il-membri jaqblu dwar definizzjonijiet, termini u kamp ta' applikazzjoni u jagħmlu rakkomandazzjonijiet konkreti għal azzjonijiet. Jiġi diskussi oġġettivi SMART, indikaturi, komunikazzjoni sensitiva għall-kwistjonijiet relatati mas-sessi, monitoraġġ, evalwazzjoni, pubblikazzjoni u tixrid.
- IV. Fażi IV – Sostenibbiltà – Jiġi definiti l-indikaturi, il-miri, ir-riżorsi kontinwi, ir-reviżjoni annwali u l-mekkaniżmi ta' feedback. Jiġi identifikati modi biex ikun hemm kontinwazzjoni tal-impenji u l-involvement ta' sħab addizzjonali.

4. Ir-rwol tal-istituzzjonijiet tal-UE

4.1. Flimkien mal-isforz tal-President Juncker għat-Tkabbir u l-Impjiegi, il-Presidenza Maltija għandha l-ugwaljanza bejn is-sessi bħala waħda mill-prijoritajiet tagħha. Il-Pjattaforma tista' tipprovdi mekkaniżmu ta' "valur miżjud tal-UE" għat-tfassil tal-politika tradizzjonali li jiffoka speċifikament fuq sfida unika tal-UE **"Opportunitajiet permezz tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi fis-Settur tat-Trasport Ewropew"**. Dan il-fokus immirat jinvolvi partijiet ikkonċernati rilevanti li altrimenti ma jkunux jistgħu jagħmlu konnessjoni mal-Kummissjoni tal-UE. Għalhekk, il-Pjattaforma tista' tikkomplementa l-ħidma tal-istituzzjonijiet tal-UE.

4.2. Huwa ta' importanza kbira li d-DĠ MOVE imexxi minn fuq u l-Kummissarju li jieħu ħsieb il-Pjattaforma jappoġġja l-funzjonament tagħha, pereżempju bil-preżenza personali fl-inawgurazzjoni tagħha u fil-laqgħat tal-Pjattaforma inġenerali. Il-membri tal-Pjattaforma, filwaqt li jwettqu l-impenji b'mod volontarju, se jirrikonoxxu għalhekk li huwa privileġġ li jintalbu jwettqu rwol bħal dan. Għalhekk, id-disponibbiltà u l-interazzjoni mat-tim anzjan tad-DĠ MOVE huma kruċjali. Bl-istess mod, huwa importanti li jekk l-istituzzjonijiet tal-UE jfittxu li jkunu membri tal-Pjattaforma, huma wkoll iridu jimpenjaw ruħhom li jipproponu azzjonijiet immirati.

4.3. L-Istituzzjonijiet tal-UE u r-rappreżentanti tal-Ministeri tat-Trasport (Stati Membri) għandhom rwol kruċjali fit-tixrid tas-sejbiet fil-livell ta' Stat Membru. Għalhekk, il-KESE jirrakkomanda t-twaqqif ta' Grupp ta' Livell Għoli (HLG) li jipprovdi ħarsa ġenerali għall-gvernijiet u għal dawk li jfasslu l-politika tagħhom, joħloq mekkaniżmu għat-tixrid tal-aħjar Prattika, isaħħaħ il-ħidma fi sħubija u jtejjeb il-kollegament bejn dawk li jfasslu l-politika u l-Pjattaforma. Meta dawn il-partijiet ikkonċernati jagħżlu li jiltaqgħu bħala membri tal-Pjattaforma wkoll, dawn jenħtieġ ukoll li jieħdu impenn biex iwettqu azzjonijiet konkreti.

4.4. Il-KESE jqis id-DĠ MOVE bħala responsabbli għat-tħaddim tal-Pjattaforma. Id-DĠ MOVE jalloka l-baġits, is-segretarjat u xi riżorsi. Istituzzjonijiet oħrajn tal-UE jistgħu jipprovdu rakkomandazzjonijiet mill-partijiet ikkonċernati tan-netwerks tagħhom u jistgħu wkoll jipprovdu kmamar tal-laqgħat u servizzi ta' traduzzjoni u interpretazzjoni. L-għażliet alternattivi possibbli ta' finanzjament jistgħu jkunu permezz tar-riżorsi tal-membri tal-Pjattaforma.

4.5. Spiżi sinifikanti se jkunu l-għodda tal-komunikazzjoni ċentrali, il-paġna web u l-bażi ta' data, inkluża l-manutenzjoni tagħhom. Diversi korpi tal-UE żviluppaw dawn ir-riżorsi tal-Internet u jinħass li d-DĠ MOVE jista' jkun kapaċi jadatta mudell diġà fis-seħħ.

5. Sħubija

5.1. Il-Pjattaforma jenħtieġ li ma tkunx "ħanut tat-tpaċiċ"; hija proċess imfassal biex il-partijiet ikkonċernati jiltaqgħu u jiddiskutu l-isfidi u l-opportunitajiet għan-nisa fis-settur tat-trasport, u mbagħad jimpenjaw ruħhom għal azzjonijiet verifikabbli. Li wieħed jifhem it-tip tal-parti ikkonċernata li għaliha jappartjenu l-membri se jgħin biex jiġi identifikat il-livell ta' interess u influwenza tan-nisa tagħhom. Dawk bl-akbar interess se jkunu dawk li huma direttament iffaċċjati mill-isfidi attwali tal-industrija.

5.2. Is-sħubija fil-Pjattaforma tista' tinkludi dawn il-partijiet ikkonċernati li ġejjin fil-livell Ewropew u nazzjonali: L-Industrija, l-assoċjazzjonijiet tal-SMEs, it-trejdjunjins (sħab soċjali) – inkluż organizzazzjonijiet rappreżentattivi tan-nisa speċjalizzati, amministrazzjonijiet pubbliċi inklużi dawk b'influwenza fuq ix-xiri u l-offerti jiġifieri: l-ERDB; l-NGOs inkluża l-organizzazzjoni umbrella tan-nisa li tiddefendi d-drittijiet u l-ugwaljanza tan-nisa, il-midja, il-gruppi ta' riflessjoni, l-akkademiċi u l-istituti ta' riċerka.

5.3. Tista' wkoll tingħata kunsiderazzjoni għall-inklużjoni okkażjonali ta' 1) persuni involuti fid-disinn ta' impenji li jistgħu ma jkunux Membri maħtura tal-Pjattaforma, 2) dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u li jinfluwenzaw, inklużi istituzzjonijiet tal-UE u rappreżentanti tal-Istati Membri/awtoritajiet pubbliċi.

5.4. Is-Sħubija tal-Pjattaforma jenħtieġ li tkun b'xejn bi kriterji u Termini ta' Referenza għas-Sħubija. Inizjalment mhuwa previst l-ebda rimborż għall-attivitajiet imwettqa mill-membri u lanqas għall-ispejjeż imġarrba għas-sħubija fil-Pjattaforma.

5.5. Is-sħubija jenħtieġ li tkun irregolata abbażi ta':

- Parteċipazzjoni Inklużiva;
- Trasparenza, Access Miftuħ u Responsabbiltà;
- Aċċettazzjoni tad-differenzi u r-rispett tal-proporzjonalità;
- L-użu ta' objettivi SMART biex titwassal il-koerenza.

6. L-objettiv ewlieni u l-kamp ta' applikazzjoni tal-Pjattaforma

6.1. L-objettiv ġenerali ta' din il-Pjattaforma jista' jkun li żżid il-parteċipazzjoni tan-nisa u ttejjeb l-ugwaljanza bejn is-sessi fis-settur tat-trasport billi jitjiebu l-opportunitajiet għan-nisa, għal kumpaniji proprjetà tan-nisa u għall-manigġers nisa, u billi jitjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol għal kulħadd fi ħdan is-settur u l-impatt aħħari tagħhom fuq l-impjiegi, l-inklużività, l-innovazzjoni, is-sostenibbiltà u t-tkabbir. L-enfasi jenħtieġ li tkun fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi, biex b'hekk jiġu promossi l-impjiegi u jiġu indirizzati l-lakuni fis-settur. Dan l-obbjettiv jista' jinkiseb, inter alia, bit-titjib fil-kwalità tal-impjiegi u fil-kundizzjonijiet tax-xogħol; billi jiġu indirizzati l-fastidju u l-vjolenza abbażi tas-sessi, bit-titjib fil-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u dik tal-familja, biż-żieda fin-numru ta' nisa fpożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet u t-titjib fl-immagħni tas-settur biex jattira aktar ħaddiema, imprendituri, akkademiċi u innovaturi nisa. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Pjattaforma jista' jiġi estiż aktar tard biex jiġu koperti kwistjonijiet relatati bħat-titjib tal-esperjenza tal-utent u l-enfasi fuq azzjonijiet li jindirizzaw lin-nisa bħala utenti.

6.2. Il-KESE jirrakkomanda l-implimentazzjoni ta' politiki sensittivi għall-kwistjonijiet relatati mas-sessi u bbaġitjar sensittiv għall-kwistjonijiet relatati mas-sessi bħala għodda ewlenija biex jiġu indirizzati l-objettivi t'hawn fuq. Dan il-kunċett ġdid spiss jinftehem ħażin: dan ma jfissirx żieda fl-infiq globali imma pjuttost jistabilixxi prijoritajiet ġodda u jorjenta mill-ġdid l-ispejjeż fil-programmi, fid-dipartimenti u fis-servizzi. L-ibbaġitjar ibbażat fuq is-sessi jżid iċ-ċarezza u joħloq mekkaniżmi li jippermettu li approċċ globali u trasversali jippromwovi aktar ugwaljanza bejn is-sessi.

6.3. Il-KESE jirrakkomanda li l-kamp ta' applikazzjoni u l-prijoritajiet li se jiġu indirizzati jenħtieġ li jkunu f'konformità mal-politiki u l-leġislazzjoni tal-UE filwaqt li jirrispettaw id-djalogu mas-sħab soċjali. Il-Pjattaforma jenħtieġ li tikkombina l-approċċi minn fuq għal isfel u minn isfel għal fuq biex tappoġġja s-settur privat u l-politiki pubbliċi, filwaqt li tevita l-ħtieġa għal tibdil fil-leġislazzjoni. Il-Pjattaforma jenħtieġ li titqies minn kulħadd bħala investment pożittiv u neċessarju.

6.4. Il-KESE jenfasizza li l-benefiċċji tal-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati huma li:

- Il-partijiet ikkonċernati jiġu pprovduti b'opportunitajiet biex jaqsmu l-opinjoni, il-ħtiġijiet u l-għarfien;
- Jinstabu objettivi komuni biex jintlaħqu għanijiet komuni;
- Il-parteċipanti jitħallew jinfluwenzaw ir-riżultati billi jiġu inklużi fil-proċessi tal-azzjonijiet tat-tfassil, tal-iżvilupp, tal-identifikazzjoni u tal-implimentazzjoni;
- Jitjieb il-fehim bejn il-gruppi ta' partijiet ikkonċernati, biex b'hekk jonqsu l-kunflitti potenzjali jew id-diverġenza fl-opinjoni, u tiġi promossal-kooperazzjoni effettiva;
- Jinbena l-impenn tal-partijiet ikkonċernati u s-sens ta' responsabbiltà u ta' sjeda.
- Tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-pjani u tad-deċiżjonijiet assoċjati;
- L-awtonomija u l-flessibilità jiddaħħlu fit-teħid tad-deċiżjonijiet u fl-implimentazzjoni.

6.5. Il-KESE jqis li l-Pjattaforma tista' tidentifika azzjonijiet ewlenin biex:

- Tinġabar id-data u jiġu stabbiliti indikaturi ewlenin għall-identifikazzjoni u t-tneħħija tal-ostakoli u l-isterjotipi;
- Jiġi żgurat li n-nisa jkunu viżibbli u attivi fil-politika, fit-teħid tad-deċiżjonijiet, u fl-ippjanar – lil hinn mid-dmirijiet amministrattivi;
- Jiġu impenjati b'mod proattiv iż-żewġ sessi fil-ħolqien ta' ambjent tax-xogħol aħjar: faċilitajiet, pagi ugwali għal xogħol ugwali, taħriġ, rikonċiljazzjoni bejn ix-xogħol, il-ħajja privata u tal-familja, eċċ.;
- Tittieħed azzjoni li tattira n-nisa lejn l-oppportunitajiet ta' xogħol b'miżuri li jtejbju kemm il-kwalità kif ukoll il-kwantità ta' impjegi, b'mod partikolari billi jiġu riveduti l-proċessi tar-reklutaġġ;
- Jiġu riveduti ostakoli legali li jistgħu jipprevjenu n-nisa milli jkollhom aċċess għat-tipi kollha ta' impjegi;
- Involvement aħjar tal-universitajiet u s-servizzi tal-karriera biex jiġi promoss il-kamp ta' applikazzjoni wiesa' tas-settur, inklużi t-teknoloġija, ir-R&Ż u l-iġinerija, filwaqt li jiġu kkunsidrati wkoll dawk bl-inqas ħiliet biex jittejbju l-għażliet tat-taħriġ tagħhom;
- Promozzjoni tar-rwol tan-nisa fin-negozju b'mod proattiv;
- L-għoti ta' setgħa lin-nisa, u settur li jkun aktar inklużiv;
- Promozzjoni tal-enfasi fuq l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali tan-nisa tul il-ħajja;
- Jiġu evitati l-vjolenza, il-fastidju u d-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol.

6.6. Hekk kif il-Pjattaforma tespandi tista' tftitex li tiffoka fuq oqsma ewlenin li jistgħu ma jinvolvux lill-membri kollha. Id-diversità tas-settur tat-trasport tista' twassal għal dan. Għalhekk jistgħu jiġu stabbiliti sottokomitati biex jiffokaw fuq oqsma ewlenin ta' interess.

7. Linji gwida għall-istabbiliment tal-prijoritajiet u l-iżgurar li l-azzjonijiet huma adatti għall-prijoritajiet identifikati

7.1. Il-KESE jirrikonoxxi li l-istabbiliment tal-prijoritajiet tal-pjattaforma jista' jitlesta' biss mill-Membri tal-pjattaforma nnifishom. Il-partijiet ikkonċernati jistgħu jiġu bl-interessi personali tagħhom stess, għalhekk l-involvement tagħhom b'mod kollettiv bil-għan li jiġu indirizzati sfidi komuni jenħtieġ li dejjem jinżamm f'moħħ kulħadd. L-impenn għal azzjonijiet li jappoġġjaw u jixprunaw il-bidla huma responsabbiltà li tinkoraġġixxi lill-partijiet ikkonċernati jieħdu r-responsabbiltà għall-organizzazzjonijiet tagħhom u għall-Pjattaforma.

7.2. Il-KESE jissuġġerixxi li l-impenji jenħtieġ li jkunu ambizzjużi u jisfidaw l-istatus quo u jirrikjedu investment tar-riżorsi proprji tal-membri. Il-komunikazzjoni ċara u t-trasparenza tal-azzjonijiet fuq il-paġna web mhux biss se ġġib ir-rikonoxximent tal-impenji imma wkoll l-iskrutinju mill-partijiet interessati. Għalhekk il-komunikazzjoni tajba u d-djalogu bejn il-membri tal-Pjattaforma huma ta' importanza kbira biex jiżguraw l-involviment kontinwu u jevitaw spariġġ fl-aspettattivi. L-attivitajiet konġunti jenħtieġ li jiġu inkoraġġiti wkoll.

7.3. Il-KESE jirrakkomanda li jistgħu jiġu stabbiliti wkoll miri u indikaturi biex jiġu approvati l-azzjonijiet tal-Pjattaforma. Dawn il-miri u l-indikaturi jenħtieġ li jgħinu fl-implimentazzjoni u fl-evalwazzjoni ta' passi lejn l-opportunitajiet tal-impjegabbiltà, l-ugwaljanza u l-emanċipazzjoni tan-nisa inkluż kif l-irġiel u nisa jitqiegħdu fuq l-istess livell, irrispettivament mit-teknoloġiji użati. L-indikaturi tal-iżvilupp bħala għodda ta' valutazzjoni, li jsaħħu l-impatt u l-integrazzjoni tar-riżultati frapport ta' progress, jgħinu l-influenza tal-ippjanar politiku u strateġiku permezz tal-immappjar tal-progress.

7.4. Hija disponibbli data statistika ġenerali mill-Eurostat. Id-DĠ MOVE jista' jaħdem mal-Eurostat u mal-Membri tal-Pjattaforma biex jittejjeb il-ġbir tad-data diżaggregata skont is-sess sabiex tingħata stampa aktar kompleta.

7.5. Id-data, il-miri u l-indikaturi jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-ħsieb dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u dwar l-isterjotipi u d-diskriminazzjoni. Mingħajr l-ebda karattru normattiv, l-għan huwa li l-organizzazzjonijiet jiġu mħeġġa jittraduċu l-kwistjonijiet tal-ġeneru f'komunikazzjoni trasparenti u komprensibbli għall-organizzazzjonijiet tagħhom u għall-pubbliku, filwaqt li jippermettu l-analiżi interna tal-politiki u l-prattiki tagħhom stess.

7.6. L-indikaturi tal-linja bażi jistgħu jiġu żviluppati fl-oqsma li ġejjin:

- L-objettivi mmirati jistgħu jiġu stabbiliti mill-Pjattaforma biex jinkisbu għanijiet li jistgħu jintlaħqu;
- Il-perċentwal ta' nisa għal kull speċifikazzjoni ta' impjeg inklużi n-nisa f'bordijiet, sidien, manijers, membri fi ħdan trejdnjuns, amministrazzjoni, fil-qasam tekniku eċċ.;
- Reviżjoni perjodika u rapportar dwar il-miżuri meħuda biex jiġi żgurat il-bilanċ bejn is-sessi fil-livelli tat-teħid tad-deċiżjonijiet;
- Politiki effettivi mmirati lejn il-pagi indaq u t-tnaqis progressiv tad-diskrepanza fil-pagi u fil-pensjoni bejn l-irġiel u n-nisa;
- Politiki/miżuri adottati sabiex jitneħħew l-ostakoli kollha għal opportunitajiet indaq u sabiex jiġi promoss ix-xogħol tan-nisa (għoti ta' kura tat-tfal, rikonċiljazzjoni bejn ix-xogħol, il-ħajja privata u tal-familja, qafas trasparenti, eċċ.);
- Baġit speċifikament allokati bħala appoġġ għall-opportunitajiet indaq;
- Reviżjoni perjodika tar-reklutaġġ – kundizzjonijiet, inklużi dawk ta' aġenziji tar-reklutaġġ jew istituzzjonijiet ta' edukazzjoni – trasparenza, aċċessibbiltà, komunikazzjoni sensitivi għall-kwistjonijiet relatati mas-sessi;
- L-iżvilupp ta' indikaturi dwar il-kamp ta' applikazzjoni, il-prevalenza u l-inkidenza ta' vjolenza, fastidju u diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol;
- Ħarsa ġenerali annwali lejn il-miri mqiegħda fil-Baġit Sensittiv għall-Kwistjonijiet Relatati mas-Sessi.

8. Monitoraġġ u evalwazzjoni

8.1. Il-KESE jipproponi li biex tissaħħaħ il-ħidma fi sħubija l-Membri jistgħu joħlqu impenji u azzjonijiet li jiddiskutuhom ma' membri oħra tal-Pjattaforma qabel l-implimentazzjoni. Fi tmiem l-azzjoni jiġi prodott Rapport ta' Monitoraġġ li jelenka l-attivitajiet, l-iskedi taż-żmien, id-data miksuba u s-sejbiet prinċipali sabiex dawn ikunu jistgħu jiġu analizzati u evalwati mill-Pjattaforma. Dawn ir-reviżjonijiet jenħtieġ li jiġu ppreżentati b'mod oġġettiv u imparzjali, b'evidenza u valutazzjonijiet kwalitattivi, li jirriflettu r-rilevanza għall-objettivi tal-Pjattaforma. Għal din il-proposta jistgħu jintużaw konsulenti esterni, jekk jippermettu r-riżorsi, fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-Pjattaforma DĠ SANTE (ara r-Rapport Annwali ta' Monitoraġġ 2016).

8.2. Il-KESE jissuġġerixxi li l-Impenji jiġu mfassla sew fil-bidu u li jkunu rilevanti għall-oġġettivi stabbiliti. Il-membri jenħtieġ li jqisu l-impenji SMART, li għandhom preparazzjoni approfondita: skedi ta' żmien, miri u għanijiet, għal rapportar effettiv, monitoraġġ faċli u komunikazzjoni mat-tlestija.

8.3. L-impenji jkunu jirrikjedu xogħol u dedikazzjoni mill-membri, lil hinn mid-dmirijiet normali tagħhom. Dan l-investment jenħtieġ li jkun valur miżjud għax-xogħol intern tagħhom, lil hinn mir-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva, u preżentabbli għad-dinja esterna bħala l-intenzjoni tagħhom biex jappoġġjaw titjib fil-bilanċ bejn is-sessi fuq il-post tax-xogħol. L-azzjonijiet tagħhom jenħtieġ li jkunu disponibbli għall-oħrajn biex jiġu replikati.

8.4. Ir-reviżjoni tal-attivitajiet tal-Pjattaforma jenħtieġ li toħloq żieda fin-netwerking u momentum biex jaħdmu flimkien biex jixprunaw l-oġġettivi. Għalhekk dan jgħin biex jiżded in-numru ta' impenji konġunti billi:

- Tiżded il-kollaborazzjoni bejn dawk li jfasslu l-politika, il-membri tal-Grupp ta' Livell Għoli u tal-Pjattaforma u l-assoċjazzjonijiet tagħhom, biex b'hekk jitravmu sinerġiji għal relazzjonijiet u azzjonijiet fit-tul, li potenzjalment jiżviluppaw u jikkontribwixxu għal politiki ġodda jekk meħtieġ;
- Jiżdedu l-attivitajiet li jistgħu jiġu żviluppati b'mod anqas formali barra mill-istruttura tal-Pjattaforma, inkluż l-involvement ma' dawk li jistgħu ma jissodisfawx il-kriterji għas-sħubija;
- Tittejjeb il-viżibilità tas-settur u l-isforzi tiegħu biex igħib ugwaljanza akbar filh, b'kundizzjonijiet imtejba għal kulħadd;
- Jinħolqu avvenimenti esterni biex jintwerew l-azzjonijiet u jiġu attirati impjegati, innovazzjonijiet jew kontribuzzjonijiet ġodda għat-trasport;
- Jinsiltu tagħlimiet mit-titjib kontinwu bħala kollettiv u jiġu implimentati modi ġodda ta' ħidma u ta' promozzjoni tas-settur.

Brussell, is-26 ta' April 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS
